

# Aħbarijiet Agripromo tal-UE

Ħarġa ta' Bulettn 31 - 4 ta' Ġunju 2020

[Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tfittex feedback dwar il-politika ta' promozzjoni għall-prodotti agroalimentari](#)



**Sejħiet miftuħa**



Applika bħala espert estern biex tgħinna nevalwaw il-proposti tal-programm [hawnhekk](#).

## X'Hemm Ġdid

### **Konsultazzjoni pubblika dwar il-politika ta' promozzjoni agrikola tal-UE**

Bħala parti minn evalwazzjoni ġenerali tal-politika, il-konsultazzjoni għandha l-għan li tiġbor feedback mingħand iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati dwar l-effettività u l-effiċjenza, kif ukoll ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-politika tal-UE.



[Agħti l-fehmiet tiegħek sal-11 ta' Settembru 2020.](#)

### **Is-sejħiet għall-proposti 2020 issa huma magħluqa**

Iż-żewġ sejħiet għall-proposti dwar "Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi skont ir-[Regolament \(UE\) Nru 1144/2014](#)" laħqu d-data tal-iskadenza tagħhom għas-sottomissjonijiet fit-3 ta' Ġunju 2020.

[Ikkonsulta ċ-ċifri tas-sottomissjoni.](#)

## Taqsimha tal-esportaturi

### **Il-Manwal dwar id-Dħul fis-Suq ta' Singapore issa huwa disponibbli**

Il-[manwal](#) jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-oportunitajiet għas-settur agroalimentari f'Singapore, kif ukoll informazzjoni importanti dwar id-dħul fis-suq.

Fit-taqsimha tal-[informazzjoni dwar is-suq](#) tal-portal tagħna hemm disponibbli Manwali Addizzjonali dwar id-Dħul fis-Suq.

## Kalendarju

### **Paviljuni tal-UE fl-2020: SIAL China u Alimentaria Mexico**

L-UE se tipparteċipa f'SIAL China (Shanghai) u f'Alimentaria (il-Messiku) b'paviljun istituzzjonali. Il-paviljun tal-UE se joffri esperjenza immersiva fir-rigward tal-kwalità, is-sigurtà u l-awtentiċità ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti agrikoli tal-ikel u tax-xorb fl-UE permezz ta' sessjonijiet ta' informazzjoni, wirjiet ta' tisjir u klassijiet ta' mgħallem, tidwiq tal-prodotti, akkoppjament u kwizzijiet.

Imla l-formola hawn taħt jekk inti interessat(a) li tippromwovi l-prodotti tiegħek fil-paviljun tal-UE:

- Għal SIAL China ([mhux aktar tard mid-9 ta' Lulju 2020](#))
- Għal Alimentaria Mexico ([mhux aktar tard mit-3 ta' Settembru 2020](#))

[Aktar informazzjoni](#)

## Kampanja fiċ-ċentru tal-attenzjoni

**Il-kampanja tal-UE "Colours by Europe" (Kuluri mill-Ewropa) fiċ-Ċina**



Filwaqt li tirrikonoxxi liċ-Ċina bħala s-sieħeb kummerċjali l-aktar importanti tal-UE u t-tieni l-akbar importatur tal-ikel fid-dinja, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tissorvelja l-implimentazzjoni ta' kampanja ta' komunikazzjoni dwar il-prodotti agroalimentari li bdiet f'Mejju 2019 u se tibqa' għaddejja sal-bidu tal-2021. Din tinkludi aktar minn 20 avveniment għan-negozji u l-konsumaturi kif ukoll preżenza qawwija fuq l-internet u l-midja fuq WeChat, Douyin u Weibo. L-għanijiet huma li tingħata spinta lill-merti, l-għarfien u l-konsum tal-ikel u x-xorb tal-UE, u li l-mira Ċiniża tagħna tingħata tagħrif dwar il-prodotti agroalimentari tal-UE.

[Aktor informazzjoni dwar il-kampanji attwali kollha tal-Kummissjoni.](#)

### **Kampanji kofinanzjati approvati fl-2019**

Il-programmi sempliċi u multipli kollha approvati għall-kofinanzjament fl-2019 bdew bl-implimentazzjoni. Ara l-[mappa tal-kampanja](#) biex issir taf aktar dwar il-benefiċjarji, is-swieq fil-mira, is-setturi tal-prodotti promossi kif ukoll l-attivitajiet ippjanati.

### **Ara l-kampanji fil-filmat li jagħti prominenza**

[#EUAgrIPromo](#)



[@EUAgrI](#)

Jekk jogħġbok ibgħatilna l-[feedback](#) tiegħek dwar il-webinars tagħna jew issuġġerixxi suġġett ġdid għall-webinar.

[Bullettini dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Agrikoli](#)

[Ħassar l-abbonament tiegħek għal dan il-bullettin](#)